MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1158/2002

**Charmaine Mizzi, personalment u b'digriet tad-19 t'Ottubru 2002 bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri Fabrizio Pio Mizzi**

**vs**

**Noel Mizzi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 17 t'Ottubru 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici Charmaine Mizzi u l-konvenut Noel Mizzi zzewgu fit-tmienja (8) ta' April 2000 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. "CM1";

Illi miz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti twieled tifel, u cjoe’ Fabrizio Pio ta’ sena;

Illi l-imsemmi Noel Mizzi rrenda ruhu hati kontra l-attrici martu ta’ adulterju u ta’ abbandun tad-dar matrimonjali b’mod li rrenda mpossibli l-hajja konjugali bejniethom;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, Dok. “CM2”;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Mizzi minhabba adulterju u ta’ abbandun tad-dar matrimonjali;

2. Tafda l-kura u kustodja tat-tifel minuri Fabrizio Pio f’idejn l-attrici;

3. Tikkundanna li l-konvenut ihallas l-attrici ghaliha u/jew ghall-imsemmija tfal minuri dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet ta’ l-attrici u l-mezzi ta’ zewgha liema retta alimentarja tkun pagabbli fil-hin li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa;

4. Ixxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, *occorrendo* billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

5. Tikkundanna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-assi parafernali kollha taghha;

6. Tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri ghad-eskluzjoni tal-konvenut; u

7. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta’ l-**artiklu 48 u 51 tal-Kodici Civili**;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 8 tal-process.

Rat ir-rikors ta' l-attrici tas-17 t'Ottubru 2002 fejn talbet li tigi appuntata kuratrici *ad litem* tal-minuri Fabrizio Pio Mizzi fl-atti tal-kawza u jekk ikun il-kaz f`kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Rat id-digriet tad-19 t'Ottubru 2002 fejn il-Qorti f'dan l-istadju laqghat it-talba.

Rat id-digriet affidavit moghti lill-attrici fit-22 ta' Novembru 2002 fejn il-Qorti pprefiggietilha terminu ta' sittin (60) gurnata sabiex tipprezenta x-xhieda kollha taghha producibbli bil-procedura tal-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur tieghu.

Rat in-noti ta' l-attrici, wahda tad-29 ta' Jannar 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavits taghha u ta' ommha Maria Darmanin u xi dokumenti ohra, u l-ohra tas-17 ta' Frar 2003 li permezz taghha esebiet ukoll l-affidavits ta' Maria Rita Farrugia u ta' Mary Farrugia.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Marzu 2003 fejn Dr. David Camilleri ghall-konvenut irrileva li r-rikors tal-konvenut ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja ma jinsabx fil-process. Gie dikjarat li l-konvenut qed ihallas ghoxrin lira fil-gimgha (Lm20), filwaqt li l-attrici qed tippercepixxi qliegh ta' madwar ghoxrin lira wkoll minn *part-time*. Il-partijiet iddikjaraw li hemm biss affarijiet zghar fil-komunjoni ta' l-akkwisti, flimkien ma' zewg vannijiet. Fir-rigward tad-dar matrimonjali gie dikjarat li din hija ta' omm l-attrici. Il-konvenut ikkontenda li wiehed mill-vannijiet huwa parafernali. Dr. Ilona Debono ghall-attrici m'oggezzjonatx li l-konvenut jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu. Il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala

Assistent Gudizzjarju sabiex izomm zewg seduti ghall-provi attrici, filwaqt li ordnat lill-konvenut jaderixxi ruhu mad-digriet tas-Sekond' Awla. Dr. David Camilleri ta ruhu b'notifikat ghall-konvenut bl-affidavits attrici.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 21 ta' Jannar 2003 a fol. 40 tal-process fejn talab li jigi awtorizzat jiggustifika l-kontumacja tieghu.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti fejn ordnat in-notifika tar-rikors lid-difensur tal-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat li l-partijiet qablu li l-konvenut ghandu jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors tal-21 ta' Jannar 2003.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-12 ta' Marzu 2003 a fol. 44 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-esponent jaqbel illi tigi pronunzjata separazzjoni personali pero' mhux minhabba ragunijiet imsemmija fic-citazzjoni pero' minhabba htijiet imputabbli lill-attrici jew *in pessima ipotesi* minhabba nkompatibbilta' ta' karattru.

2. Illi l-esponent jaqbel mat-tieni talba *purche'* li jinghata access adegwat.

3. Illi huwa jopponi ghat-tielet talba fejn din tirrigwarda manteniment ta' l-attrici *stante* li din tahdem *part-time* u kapaci tahdem *full-time* pero' ma jopponix ghall-manteniment tal-minuri *purche* illi dan ikun jirrifletti l-qaghda finanzjarja tieghu.

4. Illi huwa ma jopponix ghar-raba' talba.

5. Illi rigwardanti l-hames talba l-esponent m'ghandu ebda proprjeta' taghha parafernali fil-pussess tieghu.

6. Illi huwa ma jopponix ghas-sitt talba.

7. Illi l-esponent jopponi ghas-seba' talba *stante* li z-zwieg ma tkissirx tort tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 45 u 46 tal-process.

Rat il**-kontro-talba tal-konvenut** a fol. 47 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-8 ta' April 2000 u li l-hajja konjugali giet reza mpossibli minhabba sevizzi u ngurji gravi kommessi *da parti* ta' l-attrici u nkompatibbilta' ta' karattru;

Illi miz-zwieg twieled tifel bl-isem ta' Fabrizio Pio ta' sentejn;

Illi l-kontendenti kienu awtorizzati biex jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

Illi l-istess konvenut talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici kif hawn fuq premess u/jew inkompatibbilta' ta' karattru;

2. Tapplika kontra l-attrici sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici Civili fosthom dawk kontemplati fl-**artiklu 48 tal-Kodici Civili;**

3. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, b'applikazzjoni tas-sanzjonijiet menzjonati fir-raba' talba *occorrendo* billi tinnomina periti nominandi;

4. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u l-assenjazzjoni u kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumacja ta' l-attur f'kaz ta' bzonn;

5. Tikkundanna lill-attrici tirrestitwixxi lill-konvenut il-proprjeta’ tieghu parafernali jew il-valur taghha.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 48 u 49 tal-process.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 14 ta’ Marzu 2003 fejn talab riduzzjoni fil-manteniment.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tas-17 ta’ Marzu 2003 fejn ordnat lill-konvenut sabiex b’nota fi zmien jumejn jiddikjara aderixxiex ruhu mad-Digriet tas-Sekond’ Awla (tal-24 ta’ Settembru 2002), u jekk le jindika minn meta waqaf li jaghmel dan.

Rat in-nota tal-konvenut tas-26 ta’ Marzu 2003 in ottemperanza ma’ l-istess digriet, ir-risposta ta’ l-attrici tat-22 t’April 2003, u d-digriet sussegwenti tal-Qorti moghti fl-24 t’April 2003 fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni aktar tar-rikors sakemm il-konvenut jaderixxi ruhu ma’ l-imsemmi digriet tas-Sekond’ Awla.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attrici rikonvenzjonanti tal-21 ta’ Marzu 2003 a fol. 60 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-esponenti taqbel illi ghandha tigi dikjarata separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda dan ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut *stante* li huwa rrenda ruhu hati ta’ adulterju, abbandun, eccessi, vjolenza, mohqrija u offizi gravi kontra l-attrici kif ser jigi ppruvat ahjar waqt il-mori tal-kawza;

2. Illi fir-rigward tal-hames talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti din ghandha tigi michuda *stante* li l-attrici ma hija bl-ebda mod responsabbli ghas-separazzjoni bejn il-kontendenti, anzi l-effetti ta’ l-artiklu 48 tal-Kodici Civili ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-konvenut rikonvenzjonanti *stante* li z-zwieg tkisser unikament tort tieghu;

3. Illi hemm qbil illi din l-Onorabbli Qorti ghandha xxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u tillikkwida u taqsam l-istess komunjoni f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attrici rikonvenzjonanti u l-ohra lill-konvenut rikonvenzjonanti izda dan wara li tqis it-tortijiet kommessi mill-konvenut;

4. Illi l-hames talba tal-konvenut rikonvenzjonanti ma tistax tigi milqugha *stante* li l-attrici rikonvenzjonanti mhijiex fil-pussess tal-beni parafernali tal-konvenut;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ l-attrici rikonvenzjonanti a fol. 61 u 62 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-attrici tat-3 t’April 2003 fejn esebiet dokument.

Rat il-verbal tal-24 ta’ Gunju 2003 fejn inghata digriet affidavit tal-konvenut b’terminu ta’ erbghin (40) gurnata jibdew mill-ahhar seduta ghall-provi attrici. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju jzommi zewg seduti ohra ghall-provi kollha tal-partijiet.

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-30 ta’ Gunju 2003 fejn talab li jigi varjat id-digriet tal-manteniment, fis-sens li jigi ridott minn hamsin lira Maltin (Lm50) ghal ghoxrin lira Maltin (Lm20) fil-gimgha.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-30 ta’ Gunju 2003 fejn ordnatlu jindika permezz ta’ nota f’hiex waslu l-provi tieghu.

Rat in-nota rikjesta tal-konvenut datata 25 ta’ Novembru 2003, ir-risposta ta’ l-attrici tad-9 ta’ Frar 2004, u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-13 ta’ Frar 2004 fejn cahdet it-talba.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 22 ta’ Lulju 2003 fejn esebiet xi dokumenti.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 18 ta' Novembru 2003 fejn talbet li x-xhieda rapprezentanti tal-banek jigu lliberati mis-sigriet professjonali, liema talba giet milqugha mill-Qorti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2003.

Rat ir-rikors ta' l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia tat-22 ta' Lulju 2003 fejn informa talab id-direzzjoni tal-Qorti dwar atti esebiti mill-Ispettur David Saliba, li skond Dr. David Camilleri ghall-konvenut huma parti mill-process kriminali u ma jistghux esebiti.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-23 ta' Lulju 2003 fejn awtorizzat l-esebizzjoni ta' l-istess dokumenti sakemm dawn huma awtentikati.

Rat ir-rikors tal-konvenut tad-19 ta' Novembru 2003 fejn talab li jigi awtorizzat jipproduci bhala xhud rapprezentat ta' De La Rue Currency and Security Print Ltd. sabiex jixhed dwar il-paga ta' l-attrici.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-21 ta' Novembru 2001 fejn laqghet it-talba.

Rat il-verbali tad-9 ta' Dicembru 2003 fejn l-Assistent Gudizzjarju gie ordnat izomm zewg seduti ohra ghall-kontro-ezamijiet relattivi; u tat-18 ta' Marzu 2004 fejn l-attrici obbligat ruhha li fi zmien jumejn permezz ta' nota tindika l-pretensjonijiet parafernali taghha. Il-konvenut bil-gurament iddikjara li qabel kien bi shab ma' huh fix-xoghol, pero' llum huwa mpjegat mieghu. L-attrici bil-gurament taghha ddikjarat li ilha minn Awissu 2003 tahdem id-De La Rue u ghandha ntrojtu ta' mija u ghaxar liri Maltin (Lm110) *gross* fil-gimgha, li minnhom taqbad disghin lira Maltin (Lm90) f'idha. Il-Qorti stiednet lill-konvenut jirregola ruhu dwar l-arretrati tal-manteniment. Il-konvenut offra li jhallas hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) ghall-minuri.

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-1 ta' Marzu 2004 fejn talab li fic-cirkostanzi li rrizultaw recentement jigi varjat id-digriet ta' manteniment billi jigi ridott ghal ghoxrin lira Maltin (Lm20) fil-gimgha.

Rat ir-risposta ta’ l-attrici tat-22 ta’ Marzu 2004, in-nota tas-6 ta’ Mejju 2004, u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tas-7 ta’ Mejju 2004 fejn cahdet it-talba u kkonfermat li l-manteniment ghandu jithallas shih.

Rat il-verbal tal-11 ta’ Mejju 2004 fejn il-partijiet iddikjaraw li l-provi huma maghluqa. Il-konvenut rega’ sostna li lest li jhallas hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fil-gimgha bhala manteniment ghall-minuri, minkejja li l-attrici qed tippretendi almenu tletin (Lm30). Il-partijiet ma qablux fuq kumpens ghall-vannijiet. Il-Qorti pprefiggiet terminu ta’ hamsin gurnata lill-attrici sabiex tipprezenta nota t’osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollha l-istess terminu ghal nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Jannar 2005.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attrici datata 6 ta’ Lulju 2004 u dik tal-konvenut datata 28 ta’ Lulju 2004.

Rat is-seduti minnha mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, inkluz x-xhieda kollha quddiemu prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat id-dokument esebiti.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi x-xhieda li fl-opinjoni tal-Qort hija l-aktar relevanti u attendibbli hija s-segwenti. Mill-affidavit ta’ **Charmaine Mizzi** a fol. 21 tal-process ipprezentat fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Jannar 2003 jirrizulta dan li gej;

*“Hawnhekk jidher li l-affarijiet kienu baqghu sejrin tajjeb sakemm f’April li ghadda kien gie Noel id-dar irrabbjat xi l-hdax ta’ bil-lejl u qalli li jrid it-tifel bilfors rieqed f’nofsna meta dan kien jghid li tfal bejnietna reqdin qatt ma jrid. Xi nofs siegha wara kien daqqlu l-mobile u Noel qam jigri mis-sodda u naf li smajt il-kelma ncident tissemma’. Kif*

*qata' minn fuq il-mobile kont staqsejtu x'incident hu, u ghall-bidu ma riedx jghidli izda wara qalli illi ser icempel lil huh ha jigi jwasslu d-Depot ghax kien hemm wiehed li kien ilu mqabbad mieghu u li hu tah daqqtejn ta' mus. Dan libes u telaq lejn id-Depot ma' huh. Aktar tard kien gie huh id-dar u qalli li Noel ghal hemm illejla ghax ammetta kollox. Jiena wara sirt naf minn fuq l-ahbarijiet li l-glieda kienet fuq tfajla ohra. Meta ppruvajt nistaqsi lilu hux veru li kien hemm tfajla ohra, dan cahad. Biss jien kont ircevejt statement id-dar fejn fuqu kien jidher bic-car li kien hemm tfajla ohra.*

*Wara xi hmistax, Noel kien hareg bil-bail, u minn xi gimgha wara beda jheddidni li joqtolni, ixoqqni u jitqarben b'demmi. Ghalkemm jien kont qieghda mhedda mieghu, jiena qatt ma keccejtu mid-dar, biss niftakar darba minnhom kien staqsieni xi haga fuq it-tifel u jiena harist lejn ommi u tbissimt u wara wegibtu. Naf li wara hareg irrabbjat u qalli "Ghada tini risposta biex jara jekk nibqax jew nitlaqx". Fil-ghodu kif qam ried ikun jaf x'ser jaghmel u jien m'ghidtlux biex jitlaq. Biss naf li hareg u ma regax dahal qabel l-ghada xi d-disgha ta' filghodu biex jara lit-tifel. Minn dakinhar 'l hawn dan baqa' ma jridx jaf billi jigi d-dar tant li darba minnhom mort ghalih fejn kien qed jorqod u ghidtlu biex jitla'. Kien gie ghal jumejn u rega' telaq ghax jien ghidtlu biex nohorgu flimkien u hu ma riedx ghax ried imur ghal tad-disco. Dakinhar jien qbadt ilbist u hrigt. Mort ghand iz-ziju, gie jfittixni hemm u ghax sabni hemm qalli li jekk immur darb'ohra ghalih kien ser itini xebgha u jfajjarli go wicci. F'dan iz-zmien li Noel telaq mid-dar darba minnhom kont ghand iz-ziju u ftit wara giet il-kugina tieghi Nadia u qaltli "Charmaine jien lil Noel rajtu ma' ohra go 'Zmerc Pub' Hal Balzan". U darb'ohra qieghda nitkellem mal-kugin tieghi Kevin u qed nghidlu li smajt li Noel nhar ta' Hadd wara nofsinhar kien qed ihalli l-vann ma' xi hadd biex hu johrog u dan kien ikkonfermali li hu l-Hadd wara nofsinhar kien rah ma' tfajla ohra Paceville x'imkien lejn l-Ice Arena.*

*Dak iz-zmien Noel kien jigi ghat-tifel xi darbtejn kuljum izda darba minnhom kelli qadja fil-ghodu u t-tifel ma stajtx naghtihulu u kont qieghdtu fejn in-nanna bil-qieghda. Gie*

*sabni hemm u beda jheddidni kemm jiflah, sa refa' jdejh fuqi u tani daqqiet go wicci. Dak il-hin kien hemm ommi hdejja, iz-zija Dirjana u z-zija Tereza u dawn gibdu lili 'l gewwa u lit-tifel ghax ried jiehdu bilfors. U anki ghollieli l-pushchair tant li l-ghada mort ghamiltlu rapport l-ghassa fid-disgha (9) ta' Lulju 2002 fis-siegha u hamsa u erbghin minuta (13:45) quddiem PC55."*

Illi l-affidavit ikompli juri l-agir abbuziv tal-konvenut u ncidenti ohra li nqalghu. Hemm korraborazzjoni fix-xhieda ta' **Maria Darmanin** omm Charmaine Mizzi a fol. 25 tal-process kif ukoll ta' **Maria Rita Farrugia** a fol. 33 tal-process, persuna li kienet taf lill-attrici ghal madwar sentejn. Kif ukoll fl-affidavit ta' **Mary Farrugia** a fol. 34 tal-process. Illi dwar l-infedeltajiet konjugali hemm korroborazzjoni fix-xhieda tal-kugina tal-attrici **Nadia Darmanin** li tissemma' fl-istess affidavit ta' l-attrici a fol. 22 tal-process kif ukoll ta' kugin iehor **Kevin Azzopardi** fix-xhieda tieghu u cirkostanzi ohra msemmijin a fol. 21 fl-affidavit ta' l-attrici li jkomplu jikkorroboraw dak li qed jinghad. Illi dan apparti ix-xhieda f'din il-kawza ta' l-**Ispettur David Saliba,** fejn jidher li a bazi ta' l-istess kien hemm proceduri kriminali kontra l-konvenut li gie akkuzat b'attentat ta' qtil ta' Albert Mark Sammut, u dan wara tilwima li kienet inqalghet fuq mara li kienet tohrog mal-konvenut.

Illi **artikolu 40 tal-Kodici Civili** jiddisponi li gej;

*"Kull wahda mill-persuni mizzewgin flimkien tista' titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid, jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabbilment."*

Illi l-parti, ragel jew il-mara, illi tkun il-htija tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-**artikoli 38 u 41** titlef:-

*(a) Il-jeddijiet imsemmijin fl-artikolu 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 ta' dan il-Kodici;*

*(b) Dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bil-hsieb ta' zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titlu iehor gratwitu;*

*(c) Kull jedd ta' parti miz-zwieg ghal nofs ta' l-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala data meta l-parti ghandha tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jigi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-hidma ta' wahda mill-partijiet fiz-zwieg ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skond l-artikolu 3 ta' dan il-Kodici;*

*(d) Il-jedd li ggieghel lill-parti l-ohra, f'kull kaz li taghtiha l-manteniment bis-sahha ta' l-obbligu li jitnissel miz-zwieg.*

*Illi l-hwejjeg imsemmijin fil-paragrafu (b) tas-sub-artikolu (1) ta' dan l-artikolu jergghu jmorru ghand il-parti l-ohra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (c) ta' dak is-sub-artikolu jibqghu kollha ghal din il-parti, bla hsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni ohra jkunu kisbu fuq dawk l-istess hwejjeg qabel ma s-sentenza tal-firda tkun giet imnizzla fir-Registru Pubbliku.*

Illi hemm ukoll l-**artikolu 52 tal-Kodici Civili** li jghid hekk:-

*"Hu mholli wkoll f'idejn il-Qorti li tiddeciedi skond ic-cirkostanzi, jekk id-dispozizzjonijiet ta' l-artiklu 48 ghandhomx jghoddu f'kollox jew f'bicca, ghar-ragel u ghall-mara, jew ghal wiehed u ghall-ohra biss, inkella m'ghandhomx jghoddu ghal hadd minnhom, jekk il-wiehed u l-ohra ikunu htija ta' ghemil li jaghti lok ghall-firda."*

Illi l-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi kollha kif jemergu mix-xhieda tasal ghall-konkluzjoni illi minhabba dan l-incident kif jirrizulta mill-provi, kif ukoll minhabba nfedeltajiet konjugali u agir abbuziv iehor tal-konvenut, il-hajja konjugali bejn il-partijiet saret insopportabbli u nfatti gew istitwiti l-proceduri odjerni ta' separazzjoni personali.

Illi fil-fatt jirrizulta mill-provi prodotti b'mod mill-iktar konkludenti li l-konvenut huwa hati *verso* l-attrici ta'

eccessi, mohqrija, theddid u ngurji gravi, apparti li huwa responsabbli ta' adulterju, u wkoll li f'April 2002 huwa abbanduna lil martu u lil uliedu. Irrizulta evidenti wkoll li l-konvenut kellu diversi relazzjoni adulteri ma' nisa ohra u wkoll li huwa vjolenti sew, u jidher li minn mindu abbanduna l-familja tieghu sar aktar vjolenti. Dan gara anke f'okkazjonijiet rapportati mix-xhieda meta kien imur ghall-access ta' wliedu, u dwar dan il-Qorti sejra tiehu l-provvedimenti opportuni fir-rigward tal-konvenut, anke f'dak li jikkoncerna l-istess access.

Illi dan kollu jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess konvenut fil-kawza u hawn il-Qorti qed taghmel rifernza ghall-attitudini u l-agir tal-konvenut waqt il-kawza, fejn jidher li ghamel minn kollox sabiex jevadi l-obbligi tieghu anke dawk naxxenti minn digriet tal-Qorti tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, fejn fil-fatt naqas li jhallas il-manteniment ordnat *pendente lite,* izda hallas biss parti minnu. Jigi nnutat li ghal xi raguni li l-konvenut qatt ma ta spjegazzjoni dwarha, kien jahdem ghal rasu jsuq il-*minibuses*, izda waqt il-proceduri il-Qorti ghall-separazzjoni qed jghid li huwa jahdem ma' huh, u ghandu biss paga. Din il-Qorti ma thossx li din il-verzjoni tal-konvenut hija kredibbli, aktar u aktar meta huwa proprjetarju ta' zewg *minibuses* Numru LVY 078 u Numru JVY 006 akkwistati minnu permezz ta' skitturi datati 23 ta' Marzu 2000 u 12 ta' Awissu 2001, bil-prezz ta' sebat elef u hames mitt lira Maltin (Lm7,500) u hamest elef lira Maltin (Lm5,000) rispettivament kif jidher min-nota attrici datata 22 ta' Lulju 2003 a fol. 95 tal-process.

Illi dan kollu jwassal lill-Qorti sabiex tikkonkudi li mhux biss il-konvenut huwa hati tas-separazzjoni bejn il-partijiet, izda wkoll f'dawn il-proceduri, u waqt l-istess proceduri huwa kompla jagixxi abuzivament ma' martu u ma' uliedu u wkoll ghamel minn kollox mhux biss biex jevadi l-obbligi tieghu, izda wkoll sabiex jizvija lill-Qorti.

Illi l-Qorti fid-dawl tal-fatti kif ukoll ta' l-artikoli relevanti tal-Kodici Civili qed tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal dawn ir-ragunijiet fuq imsemmija li ghalihom huwa responsabbli l-konvenut.

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-introjtu tal-kontendenti l-konvenut mistoqsi mill-Qorti fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Marzu 2004 iddikjara li huwa kien shab ma' huh fuq xoghol tal-vann numru LVY-078 u li llum huwa jahdem ma' huh. Fl-affidavit tieghu a fol. 111 jghid illi jaghmel xi sittin lira Maltin (Lm60) xoghol fil-gimgha. A fol. 112 jghid li jithallas lira (Lm1) kull vjagg u l-paga tieghu kull gimgha tkun bejn hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) u erbghin lira Maltin (Lm40).

Illi din il-verzjoni tal-konvenut assolutament ma hijiex kredibbli, aktar u aktar meta wiehed jara li mir-rekords ta' l-*Employment & Training Corporation* huwa kien *self employed* sal-31 ta' Dicembru 2002 u b'kumbinazzjoni dahal jahdem *part time,* u mpjegat mill-1 ta' Marzu 2003, kif jidher mid-Dok. "X" a fol. 100 tal-process. Huwaq qal li kien jahdem ma' huh Saviour Mizzi li qabel kien jahdem mieghu, izda din il-Qorti tiddikjara li din il-verzjoni tal-konvenut ma hijiex veritiera.  Dan apparti li minn kif jirrizulta mix-xhieda ta' Paul Gambina ghan-nom ta' Bank of Valletta plc hemm *joint account* tal-konvenut ma' dan huh.

Illi l-attrici fis-seduta tal-hdax (11) ta' Marzu 2003 fol. 37 iddikjarat li kellha *part-time job* bhala *cheese counter assistant* fi *store* fl-Imqabba u kienet taqla' ghoxrin lira Maltin (Lm20) fil-gimgha. Hija wkoll fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Marzu 2004 iddikjarat li tahdem id-De La Rue u llum-il gurnata ghandha ntrojtu ta' mija u ghaxar liri Maltin (Lm110) *gross* fil-gimgha u *net* ta' disghin lira Maltin (Lm90). Hija kkonfermat li bdiet tahdem fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awissu 2003. Ili huwa car li l-istess attrici kienet giet kostretta tahdem peress li l-konvenut naqas li jmantniha minkejja d-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, liema digriet il-konvenut naqas li jonora tul dawn il-proceduri, anke meta ordnat diversi drabi minn din il-Qorti sabiex jaghmel dan. Dan l-istess konvenut ghamlu a bazi tal-pretiza li ma kellhux introjtu sufficjenti sabiex ihallas dan il-manteniment, ghaliex huwa biss impjegat

Illi fil-fatt l-istess konvenut jallega fl-affidavit tieghu li huwa biegh il-vann LYV 078 lil huh Saviour, u dan allura sar meta kienu ghaddjin il-proceduri ta’ separazzjoni. Apparti jekk dan setax isir jew le legalment, din il-Qorti thoss li dak li pprova jaghmel il-konvenut kien biss li jnaqqas il-valur tal-komunjoni u wkoll sabiex jevadi, kif gja’ nghad li jhallas manteniment *pendente lite.* Dan qed jinghad jekk tittiehed l-istess verzjoni tal-konvenut bhala vera, haga li din il-Qorti mhux qed taccetta, anke ghaliex l-istess konvenut bl-ebda mod ma ssotanzja l-istess almenu b’xi forma ta’ dokument. F’dan il-kuntest din il-Qorti lanqas qed temmen ix-xhieda ta’ Saviour Mizzi u Horace Mizzi fuq dan il-punt, u dwar dan ukoll ser tiehu l-provvedimenti opportuni aktar ’l isfel fis-sentenza, fejn din il-Qorti sejra tibghat kopja legali ta’ din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex wara li jaghmel l-investigazzjonijiet necessarji, jiehu l-passi kontra l-konvenut (Karta ta’ l-Identita’ Numru 275976 (M), huh Saviour Mizzi (Karta ta’ l-Identita’ Numru 404669 (M) u huh Horace Mizzi (Karta ta’ l-Identita’ 312772) ghall-gurament falz.

Illi nkwantu ghall-manteniment *pendente lite* s-Sekond’Awla tal-Qorti Civili ordnat lill-konvenut ihallas manteniment ta’ ghoxrin lira Maltin (Lm20) ghall-mara u tletin lira (Lm30) ghall-minuri pagabbli kull gimgha bil-quddiem fir-residenza ta’ l-attrici.

Illi l-Qorti fic-cirkostanzi kollha tal-kaz wara li kkunsidrat il-mezzi u l-bzonnijiet tal-partijiet qed tiddikjara li l-attrici ghandha *per se* dritt ta’ manteniment, pero’ la llum ghandha ntrojtu taghha mhux il-kaz li jigi likwidat manteniment favur taghha. *Da parte* tal-minuri peress li dan l-istess minuri jinsab fi-kura u kustodja ta’ l-attrici, li naturalment tiehu hsieb il-bzonnijiet tieghu, din il-Qorti thoss li l-istess attrici ghandha tkompli tipprovdi ghall-manteniment tieghu, b’dan li l-konvenut ghandu jikkontribiwxxi bhala sehmu mill-manteniment ghall-istess minuri l-ammont ta’ erbghin lira Maltin (Lm40) fil-gimgha. Dan l-ammont ghandu jkun pagabbli kull erba’ gimghat bil-quddiem fir-residenza ta’ l-istess attrici, u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lill-persuna li timpjega lill-konvenut, sabiex l-

istess ammont jintbaghtilha direttament mill-*employer* tal-konvenut ghan-nom ta' l-istess minuri, u b'hekk l-istess *employer* jaderixxi ruhu ma' l-istess.

Illi apparti dan din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-arretrati kollha ta' manteniment minnu dovuti lill-attrici kemm ghaliha u kemm ghall-minuri a bazi tad-digriet *pendente lite* moghti mill-Qorti tas-Sekond'Awla Civili, u dan a bazi tal-fatt li fil-11 ta' Marzu 2003 huwa stess ammetta quddiem din il-Qorti li kien qed ihallas biss manteniment ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) fil-gimgha, u sat-18 ta' Marzu 2004 naqas li jirregola ruhu dwar l-istess.

Illi nkwantu ghall-konsistenza tal-flus jew proprjeta' parafernali jew inkella dawk illi jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ghandu jigi rilevat illi fis-seduta tal-hdax (11) ta' Marzu 2003 id-difensuri ddikjaraw li d-dar matrimonjali hija ta' omm l-attrici.

Illi rigwardanti l-vann *(white minibus)* numru ta' registrazzjoni LVY 078 tal-marka Mazda 220 li gie akkwistat fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu 2000 skond skrittura Dok "CM1" (fol. 96 tal-process) u ghalhekk qabel id-data taz-zwieg, dan huwa parafernali ta' Noel Mizzi u b'hekk jappartjeni lilu, u ghandu jigi assenjat lilu. Pero' peress li l-konvenut jammetti li waqt iz-zwieg thallas l-ammont ta' erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500) allura dan huwa kreditu tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi jirrizulta wkoll waqt iz-zwieg il-partijiet akkwistaw vann Reg. No. JVY 006 fl-ammont ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) skond kuntratt datat 12 ta' Marzu 2001 a fol. 63 tal-process.

Illi rigwardanti d-divizjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, il-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif jemergu mix-xhieda, inkluz l-istess fatti tal-kawza, u nkluz ukoll l-ammonti li kienu depozitati – fil-kaz ta' l-attrici ammonti li sostanzjali u fil-kaz tal-konvenut ammonti zghar hafna, jidhrilha fid-diskrezzjoni taghha li l-istess komunjoni ta' l-akwisti ghandha *arbitrio boni viri* tinqasam u tigi assenjata bil-mod sewgenti:-

Illi din il-Qorti primarjament jirrizultalha li l-attrici ritirat l-ammonti ta’ tliet elef, tliet mija u seba’ liri Maltin (Lm3,307) mill-kont taghha ma’ l-HSBC, Fixed Deposit No 078070430101, u l-ammont ulterjuri ta’ elfejn, tliet mija u erbgha u disghin lira Maltin (Lm2,394) mill-kont taghha ma’ l-HSBC Fixed Deposit No 078070430100. Dan apparti li fl-istess data meta gew maghluqa l-imsemmija kontijiet gew maghluqa wkoll l-kontijiet ta’ l-attrici mal-Bank of Valletta plc Numru 179006 5803 li kien fih tmien mija u tmien liri Maltin u tnax-il centezmu (Lm808.12) u wkoll il-kont 17908224010 (Dok. “PG2” – fol. 105)

Illi barra minn dan l-istess attrici ghad ghandha f’isimha:-

(a) *Savings Account* HSBC Bank numru 078070430050 Dok CF1 (ara fol. 118 *et seq*) li fih bilanc ta’ disa’ mija u dsatax il-lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm919.62) (fol. 134).

(b) *Savings Account* HSBC Bank 078070430051 Dok “CF4”. Infetah fit-8 t`April 2003 u ghadu miftuh. (fol. 139) li juri ghaxar liri Maltin (Lm10) fit-8 t`April 2003.

(c) HSBC Bank *account* numru 784071472 numru antik u li sar 078-070430-050 numru gdid (Dok. “P”) u li fit-12 ta` Gunju 2001 juri bilanc ta` mitejn u tmienja u hamsin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm258.70c) fuq il-pagna ta’ wara (ara fol. 166).

(d) *Account* HSBC Bank (ara fol. 173) numru 787123899 Dok. “R” f`isem Charmaine Darmanin bil-bilanc fit-3 ta` Frar tat-2000 ta’ tliet elef liri Maltin (Lm3,000).

Illi dawn l-*accounts* kollha qed jigu assenjati lill-attrici, b’dan li ghandha zzomm dak li gja’ hahdet u l-istess *accounts* jibqghu taghha anke b’applikazzjoni ta’ **l-artikolu 48 (1) (c)** fil-konfront tal-konvenut, b’dan pero’ li s-sehem taghha mill-vetturi fuq indikati Reg. No. LVY 078 u JVY 006, inkluz is-sehem taghha minn kull kreditu dovut fuq l-istess vetturi lill-komunjoni ta’ l-akkwisti, qed jigu assenjati lill-konvenut.

Illi l-istess attrici qed tigi assenjata wkoll l-ghamara kollha li hemm fl-istess dar, hlief ghall-oggetti personali tal-konvenut li qed jigu assenjati lilu, b'dan li l-attrici qed tigi assenjata li thallas kull kreditu li ommha jew il-familjari taghha ghandhom kontra l-istess komunjoni, inkluz l-ammont ta' elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700) imsemmi fl-atti ta' din il-kawza.

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam maz-zewg *Joint Accounts* f'isem Noel Mizzi u Charmaine Mizzi li fil-fatt wiehed minnhom huwa maghluq, il-Qorti qed tiddisponi billi tiddikjara li dawn ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Dawn huma:

(1) *Joint Current Account* numru 40010159150 f'isem Noel u Charmaine Mizzi domiciljat Zurrieq Branch li nfetah fil-15 ta' Novembru 2000 u li llum ghandu bilanc ta' sbatax-il lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm17.79) immarkat bhala Dok "PG3" fil-Bank of Valletta.

(2) *Savings account* numru 17908658013 f'isem Noel Mizzi u Charmaine Darmanin domiciljat Zurrieq li nfetah fit-12 ta' Marzu 1998 u gie maghluq fl-24 t'April 2002 Dok "PG4" fl-ammont ta' tmien mija u tmien liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm808.22) li qieghed fil-Bank of Valletta.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut qed jigi assenjat l-istess zewg vetturi fuq imsemmija, flimkien ma' kull kreditu tal-komunjoni fuq l-istess, flimkien ma' l-*accounts* tal-bank li hemm msemmijin f'ismu a fol. 105, inkluz is-segwenti:-

(a) *Current account* Bank of Valletta numru 40010298998. Dan illum ghandu bilanc ta' erbgha liri u tmienja u erbghin centezmu (Lm4.48) Dok "PG".

(b) *Savings account* numru 1790750010 li juri bilanc ta' sebgha liri u tmienja u erbghin centezmu (Lm7.48) Bank of Valletta.

Illi dawn l-*accounts* gja' fuq isem Noel Mizzi wahdu qed jigu assenjati lilu.

Illi dwar l-*account* f'isem l-ahwa S. Mizzi u N. Mizzi u mbaghad A-C Ziffa esebit fol. 156 tal-process, *current account* numru 400112686061 – dan ghandu jibqa' jappartjeni lill-ahwa S. Mizzi u Noel Mizzi.

Illi dwar il-kura u kustodja tal-minuri s-Sekond'Awla tal-Qorti Civili b'digriet taghha ta' l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru 2002 ordnat illi t-tifel Fabrizio Pio jigi mghoddi fil-kura u kustodja ta' Charmaine Mizzi, salv id-dritt ta' access ghalih favur il-konvenut, jigifieri t-Tnejn, l-Erbgha, il-Gimgha mill-5:00 p.m. sat-8:00 p.m. u s-Sibt minn nofsinhar sa l-4:00 p.m. Dan id-digriet dwar l-access qieghed ukoll jigi kkonfermat definittivament b'dan li l-istess minuri ghandu jittiehed u jingieb lura mir-residenza ta' l-omm, u kull parti ghandha tikkomporta ruhha b'mod dicenti, u tali access ghandu jkun moniterjat mill-Agenzija Appogg, a spejjez taz-zewg partijiet.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u **tichad il-hames talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

(1) Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut, konsistenti f'eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid u adulterju, u li wkoll abbanduna l-familja tieghu kif imsemmi fil-korp ta' din id-deczjoni, b'dan li kawza ta' l-istess z-zwieg tkisser irremedjabbilment.

(2) Tafda l-kura u kustodja tat-tifel minuri Fabrizio Pio (illum tliet snin) lill-attrici salv id-dritt ta' access favur il-konvenut nhar it-Tnejn, l-Erbgha, u l-Gimgha mill-5:00 p.m. sat-8:00 p.m. u s-Sibt minn nofsinhar sa l-4:00 p.m b'dan li l-istess minuri ghandu jittiehed u jingieb lura mir-residenza ta' l-omm, u kull parti ghandha tikkomporta ruhha b'mod dicenti, u tali access ghandu jkun moniterjat

mill-Agenzija Appogg, a spejjez taz-zewgt partijiet. Tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lill-istess Agenzija.

(3) Tilqa' t-tielet talba ta' l-attrici biss fis-sens li qed tiddikjara li l-attrici ghandha *per se* dritt ta' manteniment, pero' peress li llum ghandha ntrojtu taghha mhux il-kaz li jigi likwidat manteniment favur taghha. *Da parte* tal-minuri dan l-istess minuri jinsab fil-kura u kustodja ta' l-attrici, li naturalment tiehu hsieb il-bzonnijiet tieghu u ghalhekk l-istess ghandha tipprovdi ghall-manteniment ta' l-istess, b'dan li l-konvenut ghandu jikkontribwixxi bhala manteniment ghall-istess minuri l-ammont ta' erbghin lira Maltin (Lm40) fil-gimgha, u dan pagabbli kull erba' gimghat bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici. Ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-persuna li timpjega lill-konvenut, sabiex dan l-*employer* jaderixxi ruhu ma' l-istess u jibghat dan l-ammont direttament lilha ghan-nom ta' l-istess minuri.

Illi apparti dan din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-arretrati kollha ta' manteniment minnu dovuti lill-attrici kemm ghaliha u kemm ghall-minuri a bazi tad-digriet *pendente lite* moghti mill-Qorti tas-Sekond'Awla Civili, u dan a bazi tal-fatt li fil-11 ta' Marzu 2003 il-konvenut ammetta quddiem din il-Qorti li kien qed ihallas biss manteniment ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) fil-gimgha, u sat-18 ta' Marzu 2004 naqas li jirregola ruhu dwar l-istess.

(4) Tilqa' r-raba' talba u b'effett minn April 2002 xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti u tillikwida u tassenja l-istess *arbitrio boni viri* bil-mod sewgenti:-

(i) Illi l-attrici ghandha zzomm dak kollu li hija ritirat mill-kont taghha ma' l-HSBC, *Fixed Deposit No.* 078070430101, u mill-kont taghha ma' l-HSBC *Fixed Deposit No*. 078070430100, dak kollu li rtirtat mill-kontijiet taghha mal-Bank of Valletta plc Numru 179006 5803, kif ukoll il-kont 17908224010, u dan a bazi ta' dak fuq indikat.

Barra minn dan l-attrici qed tigi assenjata l-kontijiet attwalmnent ezistenti f'isimha, konsistenti:-

(a) *Savings Account* HSBC Bank numru 078070430050 Dok CF1 (ara fol. 118 *et seq*) li fih bilanc ta' disa' mija u dsatax-il lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm919.62) (fol. 134).

(b) *Savings Account* HSBC Bank 078070430051 Dok "CF4" li nfetah fit-8 t`April 2003 u ghadu miftuh. (fol. 139), li juri ghaxar liri (Lm10) fit-8 t`April 2003.

(c) HSBC Bank *account* numru 784071472 numru antik u li sar 078-070430-050 numru gdid (Dok. "P"), li fit-12 ta` Gunju 2001 juri bilanc ta' mitejn u tmienja u hamsin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm258.70c) fuq il-pagna ta' wara (ara fol. 166).

(d) *Account* HSBC Bank (ara fol. 173) numru 787123899 Dok. "R" f`isem Charmaine Darmanin bil-bilanc fit-3 ta` Frar 2000 ta' tliet elef liri Maltin (Lm3,000).

Illi dawn l-*accounts* kollha qed jigu assenjati lill-attrici, b'dan li ghandha zzomm dak li gja' hadet, u l-istess *accounts* jibqghu taghha anke b'applikazzjoni ta' **artikolu 48 (1) (c)** fil-konfront tal-konvenut, b'dan pero' li s-sehem taghha mill-vetturi fuq indikati Reg. No. LVY 078 u JVY 006, inkluz is-sehem taghha minn kull kreditu dovut fuq l-istess vetturi lill-komunjoni ta' l-akkwisti, qed jigu assenjati lill-konvenut.

Illi l-istess attrici qed tigi assenjata wkoll l-ghamara kollha li hemm fl-istess dar, hlief ghall-oggetti personali tal-konvenut li qed jigu assenjati lilu, b'dan li l-attrici qed tigi assenjata li thallas kull kreditu li ommha jew il-familjari taghha ghandhom kontra l-istess komunjoni, inkluz l-ammont ta' elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700) imsemmi fl-atti ta' din il-kawza.

(ii) Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam maz-zewg *Joint Accounts* f'isem Noel Mizzi u Charmaine Mizzi li fil-fatt wiehed minnhom huwa maghluq, il-Qorti qed tiddisponi

billi tiddikjara li dawn ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Dawn huma:

(a) *Joint Current Account* numru 40010159150 f'isem Noel u Charmaine Mizzi domiciljat Zurrieq Branch li nfetah fil-15 ta' Novembru 2000 u li llum ghandu bilanc ta' sbatax-il Lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm17.79), immarkat bhala Dok "PG3" fil-Bank of Valletta.

(b) *Savings account* numru 17908658013 f'isem Noel Mizzi u Charmaine Darmanin domiciljat Zurrieq li nfetah fit-12 ta' Marzu 1998 u gie maghluq fl-24 t'April 2002 Dok "PG4" fl-ammont ta' tmien mija u tmien liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmi (Lm808.22), li qieghed fil-Bank of Valletta.

(iii) Illi min-naha l-ohra l-konvenut qed jigi assenjat l-istess zewg vetturi fuq imsemmija Reg. No. LVY 078 u JVY 006 flimkien ma' kull kreditu tal-komunjoni fuq l-istess, u anke l-*accounts* il-bank li hemm f'ismu msemmijin a fol. 105, inkluz is-segwenti:-

(a) *Current account* Bank of Valletta numru 40010298998. Dan illum ghandu bilanc ta' erbgha liri u tmienja u erbghin centezmu (Lm4.48) Dok "PG".

(b) *Savings account* numru 1790750010 li juri bilanc ta' seba' liri u tmienja u erbghin centezmu (Lm7.48) Bank of Valletta.

Illi l-*current account* numru 400112686061 f'isem l-ahwa S. Mizzi u N. Mizzi u mbaghad A-C Ziffa esebit fol. 156 tal-process ghandu jibqa' jappartjeni lill-istess ahwa S. Mizzi u Noel Mizzi.

(5) Tichad il-hames talba *stante* nuqqas ta' provi.

(6) Tilqa' s-sitt talba b'dan li tawtorizza lill-attrici li tghix eskussivament f'dik li kienet id-dar matrimonjali flimkien ma' wliedha bl-eskluzjoni tal-konvenut, li ma ghandu ebda dritt kwalunkwe fuq l-istess dar, li hija parafernali ta' omm l-attrici.

(7) Tilqa’ din it-talba u tapplika kontra l-konvenut id-dospozizzjoni ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fl-intier taghhom.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, b’dan li tordna lill-Registratur tal-Qorti sabiex jinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex wara li jaghmel l-investigazzjonijiet necessarji, jiehu l-passi kontra l-konvenut (Karta ta’ l-Identita’ Numru 275976 M), huh Saviour Mizzi (Karta ta’ l-Identita’ Numru 404669 M) u huh Horace Mizzi (Karta ta’ l-Identita’ 312772 M) ghal gurament falz.

Illi dwar il-**kontro-talba tal-konvenut,** din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attrici ghall-istess biss in kwantu l-istess huma kompatibbli ma’ dak hawn deciz, **u tichad l-ewwel talba attrici biss ghaliex is-separazzjoni personali sehhet minhabba tortijiet attribwibbli lill-konvenut. Tichad ukoll it-tieni, ir-raba’ u l-hames talba attrici. Tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

(1) Tichad it-talba ghall-separazzjoni personali ghar-ragunijiet attribwibbli lill-attrici, izda tiddikjara li l-firda personali sehhet minhabba tort esklussiv tal-konvenut konsistenti f’eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid u adulterju, u li wkoll abbanduna l-familja tieghu kif imsemmi fil-korp ta’ din id-deczjoni, b’dan li kawza ta’ l-istess z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

(2) Tichad it-tieni tal-talba tal-kontro-talba.

(3) Tilqa’ t-tielet talba tal-kontro-talba tal-konvenut u xxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti b’effett minn April 2002. Tillikwida u tassenja l-istess *arbitrio boni viri* bil-mod sewgenti:-

(i) Illi l-attrici ghandha zzomm dak kollu li hija ritirat mill-kont taghha ma’ l-HSBC, *Fixed Deposit No.* 078070430101, mill-kont taghha ma’ l-HSBC *Fixed Deposit No.* 078070430100, dak kollu li rtirtat mill-kontijiet

taghha mal-Bank of Valletta plc Numru 179006 5803, kif ukoll il-kont 17908224010 u dan a bazi ta' dak fuq indikat. Barra minn dan l-attrici qed tigi assenjata l-kontijiet attwalmnent ezistenti f'isimha, konsistenti:-

(a) *Savings Account* HSBC Bank numru 078070430050 Dok "CF1" (ara fol. 118 *et seq*) li fih bilanc ta' disa' mija u dsatax-il lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm919.62) (fol. 134).

(b) *Savings Account* HSBC Bank 078070430051 Dok "CF4", li nfetah fit-8 t'April 2003 u ghadu miftuh. (fol. 139). Dan juri bilanc ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) fit-8 t`April 2003.

(c) HSBC Bank *account* numru 784071472 numru antik u li sar 078-070430-050 numru gdid (Dok. "P") u li fit-12 ta` Gunju 2001 juri bilanc ta' mitejn u tmienja u hamsin lira Maltin u sebghin centezmu fuq il-pagna ta' wara (ara fol. 166).

(d) *Account* HSBC Bank (ara fol. 173) numru 787123899 Dok. "R" f`isem Charmaine Darmanin bil-bilanc fit-3 ta` Frar tat-2000 ta' tliet elef liri Maltin (Lm3,000).

Illi dawn l-*accounts* kollha qed jigu assenjati lill-attrici, b'dan li ghandha zzomm dak li gja' hadet u l-istess *accounts* jibqghu taghha anke b'applikazzjoni ta' **artikolu 48 (1) (c)** fil-konfront tal-konvenut, b'dan pero' li s-sehem taghha mill-vetturi fuq indikati Reg. No. LVY 078 u JVY 006, inkluz is-sehem taghha minn kull kreditu dovut fuq l-istess vetturi lill-komunjoni ta' l-akkwisti, qed jigu assenjati lill-konvenut.

Illi l-istess attrici qed tigi assenjata wkoll l-ghamara kollha li hemm fl-istess dar, hlief ghall-oggetti personali tal-konvenut li qed jigu assenjati lilu, b'dan li l-attrici qed tigi assenjata li thallas kull kreditu li ommha jew il-familjari taghha ghandhom kontra l-istess komunjoni, inkluz l-ammont ta' elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700) imsemmi fl-atti ta' din il-kawza.

(ii) Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam maz-zewg *Joint Accounts* f'isem Noel Mizzi u Charmaine Mizzi li fil-fatt wiehed minnhom huwa maghluq, il-Qorti qed tiddisponi billi tiddikjara li dawn ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.  Dawn huma:

(d) *Joint Current Account* numru 40010159150 f'isem Noel u Charmaine Mizzi domiciljat Zurrieq Branch li nfetah fil-15 ta' Novembru 2000 u li llum ghandu bilanc ta' sbatax-il lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm17.79) – immarkat bhala Dok "PG3" fil-Bank of Valletta.

(e) *Savings account* numru 17908658013 f'isem Noel Mizzi u Charmaine Darmanin domiciljat Zurrieq li nfetah fit-12 ta' Marzu 1998 u gie maghluq fl-24 t'April 2002 Dok "PG4" fl-ammont ta' tmien mija u tmien liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm808.22) li qieghed fil-Bank of Valletta.

(iii) Illi min-naha l-ohra l-konvenut qed jigi assenjat l-istess zewg vetturi fuq imsemmija Reg. No. LVY 078 u JVY 006 flimkien ma' kull kreditu tal-komunjoni fuq l-istess, kif ukoll l-*accounts* il-bank li hemm f'ismu msemmijin a fol. 105, inkluz is-segwenti:-

(a) *Current account* Bank of Valletta numru 40010298998. Dan illum ghandu bilanc ta' erba' liri u tmienja u erbghin centezmu (Lm4.48) Dok "PG".

(b) *Savings account* numru 1790750010 li juri bilanc ta' seba' liri u tmienja u erbghin centezmu (Lm7.48) Bank of Valletta.

Illi l-*current account* numru 400112686061 f'isem l-ahwa S. Mizzi u N. Mizzi u mbaghad A-C Ziffa esebit fol. 156 tal-process ghandu jibqa' jappartjeni lill-istess ahwa S. Mizzi u Noel Mizzi.

(4) Tichad ir-raba' talba tal-kontro-talba.

(5) Tichad il-hames talba tal-kontro-talba.

Bl-ispejjez kollha tal-kontro-talba kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------